MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 315/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alexander Anthony Gialanze Whiteford**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Alexander Anthony Gialanze Whiteford talli fit-8 ta’ Ottubru 2005 f’xi ħin bejn is-2 p.m. u l-5 p.m. minn residenza numru 5, Lareve, Triq San Luqa Pieta`:

(1) ikkommetta sewrq ta’ flus, ġojjellerija u għadd ta’ oġġetti oħra, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elf lira Maltin, bil-mezz, u bil-lok, liema serq sar għad-dannu tal-koppja Calleja Urry;

(2) volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix il-ħamsin lira Maltin imma iżjed minn għaxar liri Maltin għad-dannu tal-koppja Calleja Urry;

(3) sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Gunju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 265, 267, 278(2)(3), 279(b), 280(2) u 281 tal-Kap 9, l-artikoli 325(1)(d) tal-Kap 9, l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 u l-artikoli 17, 23, 31, u 533 tal-Kap 9 u l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 sabet lill-imsemmi Alexander Anthony Gialanze Whiteford ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai fini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9, u kkundannatu għal tliet snin u tliet xhur priġunerija;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Alexander Anthony Gialanze Whiteford ipprezentat fit-12 ta' Lulju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet lilu addebitati u tirriformaha billi tipprovdi ghal piena aktar mita u idonea fic- cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni ta' l-Avukat Dottor Veronique Dalli ghall-appellant u l-Avukat Dottor Philip Galea Farrugia ghall-Avukat Generali;

Semghet ix-xiehda ta' Vicky Scicluna;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-piena. L-appellant jghid li l-piena kienet ecessiva. Jghid li kellu passat difficli ferm li ma ppermettilux jistrada ruhu kif imiss fil-hajja. In-nuqas tal-prezenza tal-genituri kien fattur li naqqas mill-motivazzjoni sabiex isegwi hajja ta' ghaqal. Skond l-appellant, ghal

dawn l-ahhar snin kien segwit b'attenzjoni kbira minn Vicky Scicluna, ufficjal tas-SEDQA, li kontinwament issegwi l-izvilupp tieghu sabiex jibda programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga.

Din il-Qorti effettivament semghet lil Vicky Scicluna li xehdet li ilha taf lill-appellant aktar minn hames snin, u tliet snin u nofs minnhom il-habs fejn baqghet issegwieh. Hija spjegat li hames snin ilu l-appellant beda programm u mar tajjeb izda telaq ghax kellu partner b'zewgt itfal u hass li kellu jikkontribwixxi fil-hajja ta' dawn it-tfal. Kien ghaddej *clean*, motivat hafna minhabba dawn it-tfal u, ghalkemm ma kellux xoghol, kien jiehu hsieb id-dar. Qalet li l-appellant kien baqa' jmur l-ufficcju taghha Santa Venera izda kellu kaz li dwaru ra li kien se jigi kkundannat ghall-habs u beda jitfixkel ftit. Mar il-habs izda baqghet issegwieh. Il-habs ghadda minn zminijiet tajbin u hziena. Beda jirrifletti dwar iz-zmien meta finalment johrog mill-habs. Ix-xhud qalet: "Hu ma tantx jidher li jixtieq ikompli t-triq li kien fiha qabel. Ghejja." Ta' disa' snin kien diga` beda jdur ma' l-inhawi tad-Detox. Ta' tlettax-il sena dahal programm. Bejn disa' snin u tlettax-il sena kein hemm hafna nies isegwuh, inkluz psikologi. Missieru ma jafx jekk jezistix u ommu ma tantx kienet prezenti f'hajtu. Huwa intelligenti hafna u meta juza dik l-intelligenza tajba jirnexxi. Semmiet kif bil-hila tieghu biss tghallem il-*programming* tal-*computer* u fetah *business* tal-*computers*. Jixtieq jidhol programm izda Santa Marija ma jistax jidhol jekk ikollu aktar minn tmintax-il xahar prigunerija. Ix-xhud qalet li hi se tibqa' ssegwieh u fil-programm jippreparawh ghar-ritorn tieghu fis-socjeta`. Peress li l-appellant qatt ma kellu familja, hu jixtieq li jaghmel familja, li jkun missier ghaz-zewgt itfal li ghandu, ghalkemm dan ma tantx kien facli hafna ghalih minhabba l-atteggjament ukoll tal-*partner* li kellu li ma tantx ghenitu u kien hemm drabi meta kienet il-fattur li waqa'.

Filwaqt li quddiem l-ewwel Qorti jidher li l-appellant kien qieghed jikkontesta l-mertu tal-kaz (ara trattazzjoni tat-18 ta' Novembru 2009 a fol. 81 – 82), quddiem din il-Qorti l-appellant qieghed bazikament jitlob il-klemenza ta' din il-Qorti.

Issa, in materja ta’ piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.[1]

Fil-kaz in ezami l-piena applikabbli hi dik ta’ prigunerija ghal zmien minn tlettax-il xahar sa seba’ snin mizjud bi grad ghal zmien minn tmintax-il xahar sa tnax-il sena. Peress illi l-appellant sar recidiv kif spjegat f’paragrafu 16 tas-sentenza appellata, il-Qorti tista’ zzid il-piena bi grad skond l-artikolu 50 tal-Kap. 9 jew bi grad jew tnejn skond l-artikolu 289 tal-Kap. 9. Mela jekk il-piena msemmija tizdied bi grad, din titla’ ghal prigunerija ghal zmien minn sentejn sa ghoxrin sena, u jekk tizdied b’zewg gradi titla’ ghal zmien minn tliet snin sa tletin sena. Jigifieri m’hemmx dubju li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-ligi u vicin il-minimu.

Issa, din il-Qorti tistqarr li hija tapprezza d-diffikultajiet li ghadda minnhom l-appellant fi tfulitu u m’ghandha l-ebda dubju li huwa jixtieq ibiddel hajtu. Tapprezza wkoll il-fatt li huwa rnexxilu jsib ghajnuna f’numru ta’ persuni u f’agenziji li jipprovdu l-mezzi ta’ rijabilitazzjoni. Sfortunatament huwa uzufruwixxa minn dik l-ghajnuna ghal xi zmien izda ma kien qatt sod bizzejjed biex jibqa’ fit-triq it-tajba u dan x’aktarx ghax ma gharafx jittekilja xi krizijiet li minn zmien ghall-iehor huwa ffaccja. Tifhem illi forsi huwa herqan biex jerga’ jkollu opportunita` jibda programm iehor ta’ rijabilitazzjoni waqt illi jkun iservi sentenza ta’ prigunerija, izda irid jifhem ukoll illi jrid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta`, filwaqt illi l-Qorti ghandha d-dover li taghti protezzjoni lis-socjeta`. Imbaghad is-serq huwa reat serjissimu fejn il-vittmi hafna drabi jibqghu trawmatizzati u huwa reat li jikkawza allarm fis-socjeta`. Mhux hekk biss, imma f’dan il-kaz ir-refurtiva – tal-valur, skond ir-rapport peritali ta’ John Sacco – ta’ “mhux inqas minn Lm5,678”

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Carmelo Ebejer**, 4 ta’ Novembru 2009; **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

(ekwivalenti llum ghal tlettax-il elf mitejn u sitta u ghoxrin euro) qatt ma giet ritornata. Kwindi l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija effettiva u inoltre din il-Qorti mhijiex tal-fehma li jezistu ragunijiet impellenti sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fir-rigward tal-*quantum* tal-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------